**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

**Rotta 1**

**IR-RABA' SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: Sagħtejn**

**L-isem:________________________________ Il-klassi:__________ Il-marka totali:**

**IT-TWEĠIBIET GĦANDHOM IKUNU MIKTUBIN BIL-LINKA.**
**MINBARRA FEJN MITLUB, IL-LAPSIJIET GĦANDHOM JINTUŻAW BISS GĦAT-TPINĠIJA U XOGĦOL GRAFIKU.**

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**
**Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultat aħjar.**

---

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

L-Iskema tal-Marki

| Il-Mistoqsija | A | B | Ċ | Di | Dii | E | Taħdit | Smigħ | Xogħol matul is-sena | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Marka | 8 | 7 | 6 | 8 | 7 | 14 | 20 | 20 | 10 | **100** |
| Il-Marki tal-istudenta | | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## A. SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ *(8 marki)*

| ___ 8 |
|---|

*Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.*

# Il-bidla fil-ħajja tan-nannu



Minn meta refa' mix-xogħol ta' għalliem, in-nannu beda jedha bin-naqra ta' ġnien li kellhom u bil-ħafna qsari li qabel kienu f'idejn in-nanna. Beda jieħu ħsieb hu li jsaqqi, inaqqi, idemmel, iħammel u jbexxex kull meta jkun hemm bżonn. Kull filgħodu mis-sodda kien jinżel dritt lejn il-bitħa biex jittawwal il-pjanti u x-xtieli. Il-pjaċir tiegħu kien li jara xi xitla tarmi l-ġdid jew xi fjura tiftaħ għall-ewwel darba fl-istaġun. In-namra tiegħu kienet li jaqra u jikteb u l-kamra tal-istudju tiegħu kienet mimlija kotba ta' kull xorta. Imma issa għajnejh ma baqgħux li kienu. Kien spiss jara bħal ċpar meta jdum jaqra jew jikteb iktar mis-soltu. Għalhekk il-ġnien kien sar l-għaxqa tiegħu. *(par.1)*

Meta sab ruħu waħdu tatu bħal ferneżija. Beda jħossu qisu ħuta barra mill-ilma. Qatt qabel ma kien ħasel ħwejjeġ. Lanqas kien jaf kif iqabbad u jħaddem il-magna tal-ħasil. Qatt ma kien sajjar xejn għax dejjem sab l-ikel lest. L-ewwel ġranet wara l-mewt tan-nanna, iż-żewġ uliedu bniet ħadu ħsiebu f'kollox. Anki riduh imur joqgħod magħhom, iżda hu ma kienx beħsiebu jitlaq id-dar li għex fiha flimkien ma' martu għal dawn l-aħħar erbgħin sena. Bdew iġibulu l-ikel, jaħslulu l-ħwejjeġ u kultant anki jnaddfulu d-dar. *(par.2)*

Ma damx ma ddeċieda li kien jeħtieġlu jibda jagħmel kollox hu. Uliedu kellhom il-familja tagħhom x'jieħdu ħsieb. Ma setax jibqa' jiddependi minnhom. Fuq kollox, ma kienx xi wieħed żmagat. Ġiegħel lit-tifla l-kbira turih kif tuża l-magna tal-ħasil u kif iħaddem il-kuker u qabad jesperimenta waħdu. Beda jmur jixtri l-bżonnijiet tiegħu u jnaddaf id-dar kif kien jaf hu. *(par.3)*

(Adattament mill-ktieb *Kollu Tort tan-Nannu* ta' Tony C. Cutajar)

## I. FEHIM IT-TEST **(5 marki)**

1. Għaliex in-nannu ma baqax jaqra u jikteb daqs qabel?

 ______________________________________________

 ______________________________________________ (1)

2. Għaliex in-nannu sab ruħu waħdu?

 ______________________________________________

 ______________________________________________ (1)

3. X'ma kienx jaf jagħmel in-nannu?

 ______________________________________________

 ______________________________________________ (1)

4. Għaliex in-nannu *kien jeħtieġlu jibda jagħmel kollox hu*?

 ______________________________________________

 ______________________________________________ (1)

5. Sib **mill-ewwel paragrafu** idjoma li turi li n-nannu kien waqaf mix-xogħol.

 ______________________________________________ (1)

## II. GĦARFIEN IL-LINGWA **(3 marki)**

1. Sib **mill-ewwel paragrafu** kelma oħra għal *passatemp.*

 ______________________________________________ (1)

2. Ikteb hux **Veru** jew **Falz**:

 Il-qsari minn dejjem kien jieħu ħsiebhom in-nannu. ____________ (½)

3. Ikteb hux **Veru** jew **Falz**:

 In-nannu kien iħobb jaqra kotba dwar l-istess suġġett. ____________ (½)

4. Ikteb hux **Veru** jew **Falz**:

 In-nannu kien ilu jgħix f'din id-dar għal dawn l-aħħar erbgħin sena. ____________ (½)

5. Ikteb hux **Veru** jew **Falz**:

 In-nannu xtaq li jkun indipendenti u tgħallem li kien hemm bżonn. ____________ (½)

## B. GRAMMATIKA *(7 marki)*

___ / 7



Denise kienet tifla bi bżonnijiet speċjali. Meta kellha madwar sentejn kienet għamlet intervent f'riġlejha li ma rnexxiex. **Għalhekk baqgħet tbati bi problema fil-mobilità tagħha**. Mill-bqija kellha wiċċha ta' pupa ta' Marsilja u tbissima anġelika għall-aħħar. Kulħadd kien jiggustaha u jħobbha daqs id-dawl t'għajnejh, għax kienet tifla bil-għaqal, edukata u, fuq kollox, qalbha **tajba**. Denise kellha moħħha mitfugħ biss fuq l-istudju u tassew kienet iġġib **marki għoljin** fl-**eżamijiet**. L-għan tagħha kien li kull sena **tieħu** premju f'xi suġġett u għalhekk kienet taħdem u tistinka sabiex jirnexxilha tilħaq dak mixtieq.

(Adattament ta' *Premju mistħoqq lil Luca* ta' Charmaine Tanti, mir-rivista *Sagħtar*, Għadd 344)

1. Agħmel sinjal taħt **verb** f'din is-sentenza:

   *Għalhekk baqgħet tbati bi problema fil-mobilità tagħha.* (1)

2. Mis-silta sib **isem ta' post**: ____________________ (1)

3. Agħti l-grad **komparattiv** u **superlattiv** tal-aġġettiv **tajba**:

   a. il-komparattiv: ____________________ (1)

   b. is-superlattiv: ____________________ (1)

4. Agħmel sinjal taħt **l-aġġettiv** f'din il-frażi:

   *iġġib marki għoljin fl-eżamijiet* (1)

5. Kemm fiha **ittri** l-kelma **eżamijiet**? ____________________ (1)

6. Skont din is-silta, il-verb **tieħu** (f'linja 12) qed juri azzjoni:

   ❑ a. fil-femminil | ❑ b. fil-maskil | ❑ ċ. fil-plural (1)

## Ċ. MALTI KOMUNIKATTIV *(6 marki)*

| ___ 6 |
|---|



*Fl-ispazju pprovdut ikteb bejn* ***50 u 70 kelma*** *fuq wieħed minn dawn ir-reklami li ġejjin. Tinsiex tindika liema numru għażilt.*

1. Ikteb **rapport** dwar inċident tat-traffiku bejn żewġ karozzi li ġara fi Triq il-Qamar ġewwa Ħal Kbir. Importanti li t-tagħrif miktub ikun fih id-dettalji meħtieġa, miktub b'Malti tajjeb u mingħajr żbalji tal-ortografija.

**★★★ Xi għajnuniet għar-rapport**

- *Meta u fejn sar dan l-inċident?*
- *X'ikkawża dan l-inċident?*
- *Kien hemm xi ħadd li weġġa' jew kellu bżonn l-ewwel għajnuna?*
- *Kien hemm bżonn li jiġu l-pulizija jew l-ambulanza?*
- *Kif spiċċat l-istorja? Għadhom għaddejjin l-investigazzjonijiet?*

**JEW**

2. Ikteb **reklam** ta' ħanut ġdid tal-**ikel tajjeb għas-saħħa**. Importanti li t-tagħrif miktub ikun fih id-dettalji meħtieġa, miktub b'Malti tajjeb u mingħajr żbalji tal-ortografija.

**★★★ Xi għajnuniet għal reklam numru 2:**

- *X'jismu dan il-ħanut?*
- *X'tip ta' ikel, frott u xarbiet jinbiegħu f'dan il-ħanut?*
- *Fejn jinsab dan il-ħanut?*
- *X'inhuma l-ħinijiet tal-ftuħ u tal-għeluq?*
- *Għal aktar tagħrif, lil min jistgħu jikkuntattjaw u fejn?*

## D.I. LETTERATURA – BEJN ĦALTEJN *(8 marki)*

___ / 8

**Ir-Referenza għall-Kuntest**

*Agħżel silta **wahda** (A jew B). Tinsiex tindika l-ittra tas-silta magħżula fuq il-karta tat-tweġibiet.*

**A. Aqra sewwa l-poeżija *Passaġġi* ta' Ġorġ Borg u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.**



Hemm passaġġi li tibdiehom
mit-twelid;
hemm oħrajn li tiskoprihom
bit-taħbit.

Hemm passaġġi li taqbadhom
bla taf kif;
hemm oħrajn li toħroġ minnhom
kollok grif.

Hemm passaġġi li tilħaqhom
fiduċjuż;
hemm oħrajn li jħalluk dejjem
diżilluż.

Hemm passaġġi ssibhom jagħlqu
wara ftit;
Hemm oħrajn li jwassluk temmen
fl-infinit.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet billi timmarka t-tweġiba t-tajba.**

1. F'din il-poeżija Ġorġ Borg jitkellem dwar il-passaġġi:

   ❑ a. tal-ħajja | ❑ b. tal-poeżija | ❑ ċ. li hemm fil-kampanja (1)

2. Din hija poeżija:

   ❑ a. umoristika ☺ *tad-daħk* | ❑ b. ta' niket ☹ *tad-dwejjaq* | ❑ ċ. riflessiva 😐 *tal-ħsieb* (1)

3. Meta fit-tieni strofa l-poeta jirreferi għal xi passaġġi li **toħroġ minnhom kollok grif** qed jirreferi għal dawk l-esperjenzi:

   ❑ a. koroh li ma toħroġ minnhom qatt | ❑ b. sbieħ li jgħaddu malajr | ❑ ċ. diffiċli li jħallu l-marki tagħhom (1)

4. Meta fir-raba' u l-aħħar strofa l-poeta jgħid li hemm ukoll passaġġi **li jwassluk temmen fl-infinit** qed ifisser li ċertu esperjenzi:

   ❑ a. ibegħduk minn Alla | ❑ b. iqarrbuk lejn Alla | ❑ ċ. iqarrbuk lejn il-mewt (1)

5. L-istrofi ta' din il-poeżija jissejħu:

❑ a. terzini | ❑ b. kwartini | ❑ ċ. sestini (1)

6. Ir-rima tal-ewwel żewġ strofi tissejjaħ:

❑ a. alternata | ❑ b. imqabbża | ❑ ċ. imbewsa (1)

7. **Mit-tielet strofa** sib il-kelma li tirrima ma':

**fiduċjuż** | ______________________ (1)

8. Fil-fehma tiegħek, x'taħseb li jixtieq jaqsam magħna l-poeta permezz ta' din il-poeżija?

______________________

______________________ (1)

**JEW**

**B. Aqra sewwa l-poeżija *Quo Vadis?* ta' Rużar Briffa u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.**

Weħidha
fuq l-għolja ġeblija,
imbiegħda mill-bqija ta' ħutha
fil-qalb ħadranija tal-wied,
ix-xwejħa ħarruba,
magħtuba
mit-toqol tas-snin,
qed tħares madwarha
ħa tara
il-għaġla tan-nies għaddejjin.

… U taħseb:
kemm huma mgħaġġlin,
fejn huma sejrin
għal dejjem bla sabar
min-nieqa sal-qabar
dal-ħalja bnedmin?
Fejn huma l-għeruq?
Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ?
Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?
Għaliex ftit mistrieħ
għalihom ma hemmx,
u l-lehma biss tagħhom
il-ħajja tas-suq?



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet billi timmarka t-tweġiba t-tajba.**

1. Is-siġra msemmija f'din il-poeżija hija:

| | | | |
|---|---|---|---|
| ❑ a. ċkejkna | ❑ b. żagħżugħa | ❑ ċ. xiħa | (1) |

2. Din hija personifikazzjoni mill-ewwel strofa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| ❑ a. fuq l-għolja ġeblija | ❑ b. fil-qalb ħadranija tal-wied | ❑ ċ. qed tħares madwarha | (1) |

3. Il-vers **imbiegħda mill-bqija ta' ħutha** juri sens ta':

| | | | |
|---|---|---|---|
| ❑ a. għaqda | ❑ b. solitudni | ❑ ċ. traskuraġni | (1) |

4. F'dan il-vers insibu **alliterazzjoni**. Uri dan billi tagħmel sinjal taħt l-ittra/ittri li juru dan:

**kemm huma mgħaġġlin** (1)

5. Matul it-tieni strofa l-poeta juri kemm din is-siġra qed tosserva u waqt li tagħmel dan tirrifletti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| ❑ a. dwar il-ħajja tan-nies, ilkoll mgħaġġlin | ❑ b. dwar is-siġar l-oħra u kif matul iż-żmien ħallewha waħidha fuq l-għolja ġeblija | ❑ ċ. dwar għeruqha li biż-żmien bdew jinqatgħu u jmutu | (1) |

6. Fit-tieni strofa s-siġra tagħmel referenza għall-**ħalja bnedmin** u għall-fatt li l-lehma tagħhom hija biss dik tal-**ħajja tas-suq**. Permezz t'hekk il-poeta jixtieq juri li:

❑ a. maż-żmien il-bnedmin qiegħdu prijoritajiet tajbin. Ta' kuljum jaħdmu bla waqfien sabiex jgħożżu l-egħżeż valuri u jsejsu ħajjithom fuq apprezzament lejn dak li hu sabiħ, ġenwin u naturali.

❑ b. maż-żmien il-bnedmin qiegħdu prijoritajiet ħżiena. Ta' kuljum jaħdmu bla waqfien sabiex minflok jgħożżu l-egħżeż valuri u jsejsu ħajjithom fuq apprezzament lejn dak li hu ġenwin u naturali, jagħfsu aktar fuq dak li hu artifiċjali u materjali.

❑ ċ. maż-żmien il-bnedmin moħħhom biss f'dak li hu materjali u superfiċjali. Il-poeta bħas-siġra jittama iżda, li xi darba, il-bnedmin jintebħu b'dan kollu u jerġgħu jiskopru għeruqhom. (2)

7. **Ħares lejn dawn li ġejjin u niżżel x'jissejħu fl-ispazju pprovdut:**
   - * ***Fejn** huma l-għeruq?*
   - * ***Qatt** lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ ?*
   - * ***Qatt** lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?*
   - * ***Għaliex** ftit mistrieħ*
     *għalihom ma hemmx,*
     *u l-lehma biss tagħhom*
     *il-ħajja tas-suq?*

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***Jissejħu** | **m** ______________________ | **r** ______________________ | (1) |

**D.II. LETTERATURA – IL-ĦARSA TA' RUŻANN** *(7 marki)*

______ 7

**Analiżi tar-rumanzett Bejn Ħaltejn**

*Agħżel silta* ***waħda*** *(A jew B).*

**A. Aqra sewwa silta A u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.**

Ma kontx ili wisq li rġajt lura Malta minn barra. Kemm? Sitt xhur? Sebgħa? U missieri, il-Baruni x-xiħ, kien qalli, "Xbajt tiġri, Mark-Antonin?"



Għedtlu, "Jien stess għadni ma nafx."

Qalli, "Hemm bżonn li jibdew jidrawk. Jien m'iniex etern. Dawk, hemm, tal-Girgenti, tal-Wied tal-Isqof, tal-Buskett, ta' Ħad-Dingli, t'hawn stess tar-Rabat, tal-Imdina… spiss jistaqsuni dwarek. 'X'sar minnu l-Baronċino Mark-Antonin?' jistaqsuni ta' spiss. Jiftakruk. Jien m'iniex etern, nerġa' ngħidlek. Xi darba jkollok tidrahom sew il-bdiewa tagħna. Issir tafhom mill-qrib. Il-problemi tagħhom. Agħder fejn tista', imma ħlas u ċnus qis li fil-pront. Għandhom jirrispettawk aktar jekk iżżommilhom iebes f'dil-ħaġa, għax kulħadd iħobbha l-ordni – imqar jekk kultant iddejqu 'l dak li jkun, imma għall-inqas tagħtih sens ta' sigurtà għax ikun jaf eżatt fejn hu postu fil-ħajja. Fejn tilmaħ l-għaks, iddawwarx ħarstek 'il hinn. Fejn tista', għin. Imma l-ewwel aħna, smajt x'għedtlek?"

U dan ir-raġel, xwejjaħ u qadim u antik, missieri, siket u warrab 'il hinn, imnikket sew jarani qisni ma ridtx nagħtih widen.

Iżda fl-aħħar bdejt narma ż-żiemel l-iswed, Arkon, u d-drawwa qbadtha sew li noħroġ mill-Imdina aktar u aktar spiss biex inżur il-bdiewa tagħna. Biss, ħajra u ħeġġa għal dan ix-xogħol ftit li xejn kelli.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet billi tikteb jew timmarka skont kif mitlub.**

1. X'jismu l-protagonist li qed jirrifletti fis-silta t'hawn fuq?

_______________________________________________ (1)

2. Taħseb li l-missier kien kuntent bl-imġiba ta' ibnu? Sib u niżżel frażi/sentenza mill-ewwel ħames linji ta' din is-silta li turi dan.

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

3. X'turi din id-deskrizzjoni?

   **U dan ir-raġel, xwejjaħ u qadim u antik, missieri, siket u warrab 'il hinn, imnikket sew jarani qisni ma ridtx nagħtih widen.**

   ❑ a. Turi li bejn it-tifel u missieru ma kienx hemm qbil fil-mod kif jaħsbuha.

   ❑ b. Turi li t-tifel u missieru kellhom l-istess mentalità.

   ❑ ċ. Turi li l-missier kien kburi għax kien ċert li ibnu se jkompli fuq il-passi tiegħu. (1)

4. Minn dak li qrajt f'din is-silta, x'tip ta' karattru taħseb li għandu **l-iben**? Saħħaħ dak li tgħid billi tniżżel frażi jew sentenza mis-silta mogħtija li juru dan.

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (1)

5. Minn dak li qrajt f'din is-silta, x'tip ta' karattru taħseb li għandu **l-missier**? Saħħaħ dak li tgħid billi tniżżel frażi jew sentenza mis-silta mogħtija li juru dan.

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (1)

6. Għal liema <u>**xogħol**</u> qed jirreferi t-tifel f'dan li ġej?

   **Iżda fl-aħħar bdejt narma ż-żiemel l-iswed, Arkon, u d-drawwa qbadtha sew li noħroġ mill-Imdina aktar u aktar spiss biex inżur il-bdiewa tagħna. Biss, ħajra u ħeġġa għal dan <u>ix-xogħol</u> ftit li xejn kelli.**

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (1)

7. Ikkummenta billi tgħid għaliex, dwar dak li laqtek jew dwar dak li ma laqtekx f'din is-silta.

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (1)

**JEW**

**B. Aqra sewwa silta B u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.**



Konna hemm, ħdejn ħarruba tongħos żaqqha 'l isfel, fl-erbgħa ta' waranofsinhar. Ix-xita bejn ħaltejn jekk traxxaxx jew le, u l-għasafar siekta għax kien hemm aħna. Imbagħad qisu l-ħin ma baqax jeżisti aktar, u la kien hemm bidu u lanqas tmiem għax sirna ħaġa waħda f'eternità ta' għożża kbira…

Arkon jirgħa ħiemed ħdejn ix-xatba; griedel u sponsuni jittajru u jgħannu; xi naħqa ta' ħmar fid-dell ħanin tal-ogħla blat f'xifer l-irdum samm tal-Madliena.

X'ridna minn xulxin, Rużann u jien?

Kultant kienet tinqala' minn ħdejja, qisha mbeżżgħa u mkexkxa, u tgħid, "Dan mhux sew! Għax int il-Baruni, u jien…"

Subgħajja minnufih għal xofftejha.

"Int Rużann li jien inħobb. Daqshekk, tgħid xejn aktar. Id-differenza bejn il-bnedmin m'għadhiex teżisti. Il-vera differenza tinsab biss fir-rieda. U jien *irrid* inħobbok, u aħna minn dejjem konna ta' xulxin. Jien tiegħek u int tiegħi, destin wieħed minn ewl il-ħolqien, u xejn u ħadd mhu se jirnexxilu jtebbgħu."

Fid-dar il-qadima tal-Imdina, l-imħabba tiegħi għal Rużann saret tfisser il-ġdid u l-attwalità tiegħu fl-istess waqt.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet billi tikteb jew timmarka skont kif mitlub.**

1. Min huma ż-żewġ karattri msemmija fis-silta?

____________________ | ____________________ (1)

2. Għaliex, **Kultant kienet tinqala' minn ħdejja, qisha mbeżżgħa u mkexkxa, u tgħid, 'Dan mhux sew! Għax int il-Baruni, u jien…'**?

________________________________________

________________________________________ (1)

3. F'din il-parti x'**differenza** qed jirreferi għaliha l-protagonist?

**Int Rużann li jien inħobb. Daqshekk, tgħid xejn aktar. Id-differenza bejn il-bnedmin m'għadhiex teżisti.**

❑ a. Għad-differenza bejn l-irġiel u n-nisa.

❑ b. Għad-differenza bejn nies ta' klassi soċjali differenti.

❑ ċ. Għad-differenza bejn persuni li ġejjin minn pajjiżi differenti. (1)

4. Minn dak li qrajt f'din is-silta, x'tip ta' karattru taħseb li għandu **ż-żagħżugħ**? Saħħaħ dak li tgħid billi tniżżel frażi jew sentenza mis-silta mogħtija li juru dan.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

5. Minn dak li qrajt f'din is-silta, x'tip ta' karattru taħseb li għandha **ż-żagħżugħa**? Saħħaħ dak li tgħid billi tniżżel frażi jew sentenza mis-silta mogħtija li juru dan.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

6. X'turi din il-kwotazzjoni dwar l-imħabba li dawn iż-żgħażagħ kellhom lejn xulxin?
**U jien irrid inħobbok, u aħna minn dejjem konna ta' xulxin. Jien tiegħek u int tiegħi, destin wieħed minn ewl il-ħolqien, u xejn u ħadd mhu se jirnexxilu jtebbgħu.**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

7. Ikkummenta billi tgħid għaliex, dwar dak li laqtek jew dak li ma laqtekx f'din is-silta.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

## E. IL-KOMPONIMENT *(14-il marka)*

____
**14**

*Ikteb **madwar 180 u 200 kelma** dwar **<u>wieħed</u>** minn dawn li ġejjin fuq karta separata.* (12)

1. Darba waqt li kont qed ngħum l-Għadira.

**★★★ Xi għajnuniet għal dan il-komponiment:**

- *Ma' min kont?*
- *Għaliex mort l-Għadira?*
- *X'ġara?*
- *Kif ġibt ruħek u x'għamilt?*

☛ *Tinsiex li f'dan il-komponiment trid **tirrakkonta** ġrajja.*

2. Fil-librerija tal-iskola.

**★★★ Xi għajnuniet għal dan il-komponiment:**

- *Fejn qiegħda l-librerija tal-iskola?*
- *Kif inhi din il-librerija?*
- *X'ġara darba fost l-oħrajn?*
- *Kif ġibt ruħek? / X'għamilt?*
    - ☛ *Tinsiex li f'dan il-komponiment trid* ***tirrakkonta*** *ġrajja.*

3. Il-kamra tal-ħolm tiegħi.

**★★★ Xi għajnuniet għal dan il-komponiment:**

- *Kif inhi din il-kamra?*
- *X'tip ta' kamra tixtieq?*
- *X'tixtieq li jkollok fiha?*
- *Għaliex tixtieq dawn l-affarijiet kollha?*
    - ☛ *Tinsiex li f'dan il-komponiment trid* ***tiddeskrivi*** *ħafna.*

4. Xena mill-isbaħ.

**★★★ Xi għajnuniet għal dan il-komponiment:**

- *Ma' xiex inhi marbuta din ix-xena?*
- *X'fiha din ix-xena?*
- *Għaliex hija daqstant sabiħa?*
- *Xi tqanqal fik din ix-xena?*
    - ☛ *Tinsiex li f'dan il-komponiment trid* ***tiddeskrivi*** *ħafna.*

5. Il-pożittiv u n-negattiv tal-bord interattiv waqt il-lezzjonijiet.

**★★★ Xi għajnuniet għal dan il-komponiment:**

- *X'taħseb dwar l-użu tal-bord interattiv waqt il-lezzjonijiet?*
- *Qed jgħin fil-lezzjonijiet jew qed itellef?*
- *Kif qed jagħmel dan? Agħti xi eżempji.*
- *X'fih pożittiv u x'fih negattiv il-bord interattiv?*
    - ☛ *Tinsiex li f'dan il-komponiment trid* ***tiddiskuti u targumenta.***

**Il-pjan tal-komponiment** (2)

*Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Għandek żewġ marki għall-pjan.)*

In-numru tal-komponiment magħżul:__________

**Il-pjan tal-komponiment...**

| **In-numru tal-komponiment magħżul:** | _________ | (12) |
| --- | --- | --- |